MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 323/2013

**Go p.l.c
C 22334
Vs
Caruso Samantha Ashley
ID 51685A**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Mejju, 2013 illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf u erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€1,024.34) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (*AC40171035)*, u li jinkludi telefone *21571124;* servizz ta' televisjoni *1425086287 u 1425114075*, u servizz ta' internet, liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Frar, 2011.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inademjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali 2576/12 osija l-31 t'Ottubru, 2012 u bl-ispejjez, inkluzi tal-imsemmija ittra ufficjali 2576/12.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tat-8 ta' Jannar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-8 ta' Jannar, 2014 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€1,024.34) bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali 2576/12, osija l-31 t'Ottubru, 2012 sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------